MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 403/2008

**Joseph Tanti (KI 728451M) u Josephine Tanti (KI 87851M)**

**Vs**

**Antares Development Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), erba' mitt lira Maltin (Lm400.00), rapprezentanti erba' (4) skadenzi dovuti bhala danni in linea ma' l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sebgha (2007), annessa u mmarkata Dok JT1.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ disa’ mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), erba’ mitt lira Maltin (Lm400.00) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------